MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 688/2007

Raymond Calleja (Id. 789957M).

Vs

Albert sive Bertu Cassar.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut, tas-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200) rapprezentanti l-prezz ta' erba mitt (400) fenek bil-valur ta' tlett liri Maltin (Lm3) il-wiehed, lilu mibjughin u kkonsenjati hajjin fuq talba u ordni tal-konvenut stess.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi 1. t-talba attrici ma tistax tintlaqa stante li mhux minnu li l-konvenut ordna fniek minn ghand l-attur, u konsegwentement ma jezisti ebda prezz ta' fniek dovut lill-attur, kif mitlub minnu; 2. illi l-

attur ghadda lill-konvenut 400 fenek, li rrizulta li kienu morda bil-VHD, biex joqtolhomlu biex ikunu jistghu jinghaddu lil certu Charlie tal-kazin tal-Malta Labour Party tal-Bahrija, u ghalhekk mhux talli l-esponent m'ghandu ebda prezz xi jhallas lill-attur imma talli huwa l-attur li ghandu jhallas lill-konvenut tas-servizz li tah u cioe talli qatilhomlu; 3. illi l-qatla tal-fniek tmur bil-25 centezmu ghall kull fenek u ghalhekk qed issir kontro talba ghall-hlas ta' l-istess.

Ra l-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant li qieghed jitlob il-hlas ta' mitt lira Maltin (Lm100) minghand l-attur rikonvenzjonat, u dan wara li ppremetta illi l-attur rikonvenzjonat ikkommissjona lill-konvenut sabiex joqtollu 400 fenek biex ikun jista' jbieghhom lil certu Charlie tal-Bahrija. Il-prezz tal-qatla tal-fniek hija ta' 25 centezmu ghal kull fenek. Il-konvenut qatel dawn il-erba mitt fenek, izda Charlie tal-Bahrija ma riedx il-fniek kollha ghax kienu morda bil-VHD. Il-konvenut baqa' ma thallas xejn tal-qatla ta' 400 fenek.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant fejn ecepixxa illi t-talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante illi 1. il-konvenut la hu licenzjat u lanqas ma ghandu l-permess joqtol fniek u ghaldaqstant jissustixxu l-elementi kollha ta' kawza illecita; 2. illi di piu mhux minnu dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti u ghalhekk ghandu jipproduci l-prova ta' i. min iccertifika l-fniek bhala morda bil-VHD; ii. Certifikat dokumentat li juri din id-dikjarazzjoni; 3. illi fl-mertu mhux minnu dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonant u cioe li l-attur rikonvenzjonat ikkommissjona lill-konvenut sabiex joqtollu xi fniek sabiex ikun jista' jbieghhom lil certu Charlie tal-Bahrija stante li l-attur rikonvenzjonat qatt ma tkellem mieghu dwar din l-ordni ta' fniek.

Sema' x-xhieda tal-attur Raymond Calleja.

Sema' x-xhieda ta' Silvana Calleja prodotta mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Charles Grima prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Cassar prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Albert Cassar.

Ra d-dokumenti kollha li gewipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ezamina l-provi prodotti fil-kawza odjerna, t-Tribunal ma jistax hlief jasal ghall-konkluzzjoni li l-fatti hawnhekk huma ghal kollox konfuzi u bl-ebda mod ma johrog car dak li ftehmu l-partijiet f’din il-kawza u ezattament x’kellu jkun l-arrangament ta’ bejniethom. Dan huwa kaz car ta’ negozju maghmul b’mod traskurat u minghajr serjeta’ bejn persuni, u wiehed ma jistax jippretendi li dan it-Tribunal jifhem dak li gie miftiehem bejn il-partijiet jekk lanqas il-partijiet stess ma jafu x’gie miftiehem.

Illi alavolja l-attur jghid li huwa kien biegh erba mitt fenek lill-konvenut u li ta’ dan il-bejgh ma kienx thallas, u ghalhekk qed issir din il-kawza, mill-provi ma jirrizultax ezattament hekk u johorgu diversi inkonsistenzi, kif ser jigi spjegat.

Fl-ewwel lok, l-attur jghid illi huwa ma kellu x’jaqsam xejn ma certu Charlie tal-Bahrija. Fil-fatt fi kliemu stess, l-attur xehed hekk ‘*jiena ma naghmel l-ebda negozju ma’ dan Charlie tal-Bahrija u ghalhekk assolutament ma nafx jekk minn dawn l-erbgha mitt fenek dawn inbieghux lil Charlie tal-Bahrija*.’

Madankollu Charles Grima (maghruf bhala Charlie tal-Bahrija) xehed illi fir-rigward tal-erba mitt fenek in kwistjoni, kien cempillu kemm l-attur kif ukoll il-konvenut. Dawn kienu qalulu li kienu ser joqtlu l-fniek u talbuh jekk

kienx ippreparat jehodhom hu. Fil-fatt ix-xhud accetta li l-ewwel jiehu mitejn fenek u mbaghad jiehu l-mitejn l-ohra wara ftit. Gara li l-ghada l-konvenut hadlu mitejn fenek maqtula u dawn wara ftit kienu hdaru u ghalhekk Charles Grima ma kienx accetta li jzommhom. Huwa kien cempel kemm il-konvenut kif ukoll l-attur dwar dan, u kien proprju l-attur Raymond Calleja li mar jigbor il-fniek minghand Charles Grima u hadhom bil-van tieghu. Oltre dan, peress illi minn dawn il-mitejn fenek kien hemm xi uhud li kienu ghadhom tajbin, Charles Grima kien zammhom u kien sahansitra hallas direttament lill-Raymond Calleja ta' dawn il-fniek tajbin. Charles Grima ma kien hallas xejn lill-konvenut u l-qbija tal-konsenja tal-fniek, u cioe l-mitejn fenek iehor ma kienux gew konsenjati lilu.

Skond it-Tribunal Charles Grima huwa xhud indipendenti u ghalhekk ix-xhieda tieghu hija importanti hafna ghaliex titfa' d-dawl fuq ic-cirkostanzi konfuzi ghall-ahhar tal-kaz in ezami.

Illi dak li xehed Charles Grima jwaqqa t-tezi tal-attur ghal kollox ghas-segwenti ragunijiet. Fl-ewwel lok, jidher li l-attur ma kienx qieghed jghid il-verita' meta stqarr li ma kellu x'jaqsam xejn ma Charlie tal-Bahrija. Mhux talli ma kellu x'jaqsam xejn izda talli kien cempillu hu, u kien anki mar jigbor il-fniek in kwistjoni minghandu direttament, u kien anki thallas minghandu!

L-attur qatt ma nnega li kien thallas minghand Charles Grima ghal xi uhud mill-fniek li kienu ghadhom tajbin u ghalhekk dan ghandu jitqies bhala fatt inkontestat. Huwa ovvju li fl-ewwel lok gjaladarba thallas parti mill-ammont minghand Charles Grima ma jistax jippretendi li jithallas l-istess ammont minghand il-konvenut. Oltre dan it-Tribunal bilfors irid isaqsi lilu nnifsu jekk verament l-attur qed jghid li kellu x'jaqsam mal-konvenut biss f'din l-istorja ghaliex mar jigbor il-fniek minghand Charles Grima? Huwa ovvju li ghamel hekk ghaliex kien innegozja ma Charles Grima ukoll f'din il-bicca xoghol, u hassu responsabbli versu Grima, u fil-fatt meta mar hemm u gabar il-fniek minghandu huwa kien qieghed jaccetta r-responsabbilta' ghal dak li gara. Ghalhekk huwa car li

dan ma kienx kaz ta’ semplici bejgh tal-fniek direttament lill-konvenut kif qed jallega l-attur, u dan iwassal it-Tribunal sabiex jiddeciedi li t-talba tieghu ghandha tigi ghal kollox michuda ghaliex mhux talli ma gietx ippruvata, izda talli gie ippruvat haga ohra.

Illi fir-rigward tal-kontro talba mressqa mill-konvenut, anki hawn jidher li hemm hafna fatti li ma jinkwadrawx ruhhom. Fl-ewwel lok minn imkien ma johrog car jekk il-konvenut kellu jithallas tal-qattla minghand l-attur, jew inkella jekk kellux jigbor il-flus tal-fniek minghand Charlie Grima u mbaghad jghaddihom lill-attur wara li jnaqqas dak dovut lilu.  Skond l-attur ma kien hemm xejn dovut lill-konvenut ghaliex dan kien xtrahom minghandu – haga li ma gietx accettata mit-Tribunal – izda madankollu mkien ma jidher li l-konvenut kellu xi arrangement mal-attur li jithallas tal-qattla.

Illi lanqas ma gie ppruvat jekk il-fniek kienux morda minn qabel jew jekk fil-fatt kien gralhom dak li gralhom minhabba t-traskuragni tal-konvenut, kemm bil-mod kif ittrasporta l-fniek u anki bil-mod kif qatilhom.  It-Tribunal fil-verita’ huwa izjed dispost jemmen li l-konvenut ma uzax il-mezzi addattati ghal dak li mar jaghmel u li ghalhekk kien gara dak li gara meta l-fniek hdaru.  Jekk hu verament hekk, il-konvenut zgur li ma jistax jippretendi li jithallas ta’ dak li ghamel.

Il-konvenut isostni li l-attur kien ftiehem mieghu li jaghtih 25 centezmu ghal kull fenek maqtul, pero hadd mix-xhieda ma kien f’pozizzjoni li jikkonferma din il-haga.  Il-konvenut stess isostni li s-sistema li kienet tintuza kienet li fil-fatt huwa ma jithallasx tal-qatla mill-attur, izda jithallas minghand il-persuna li jkun biegh il-fniek maqtul u mbaghad imur lura jhallas lill-attur tal-fniek wara li jnaqqas il-flus tal-qatla.  F’dan il-kaz pero, l-konvenut isostni li kien jaf li l-fniek kienu morda u ghalhekk dan it-Tribunal jsaqsi kif allura l-konvenut accetta li jehodhom u joqtolhom u jbieghhom lil Grima, meta suppost kien jaf li ma kienx ser jigbor flus ta’ fniek morda minghand Grima.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu li anki t-talba tal-konvenut kif kontenuta fil-kontro talba tieghu ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad t-talba attrici fl-intier taghha u jichad ukoll il-kontro talba tal-konvenut.  Fic-cirkostanzi l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jithallsu ugwalment f’zewg porzjonijiet bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------